*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment K. Zieleśkiewicz u G. Kimberley, aġenti, sussegwentement K. Zieleśkiewicz u M. Bauer, aġenti)

### Suġġett

Annullament tad-deċiżjoni li r-rikorrent ma jiġix promoss għallgrad AST 7 fil-proċedura ta' promozzjoni 2008 u, jekk ikun meħtieġ, tad-deċiżjonijiet li jippromwovu f'dan il-grad uffiċjali li kien jisthoqqilhom inqas minnu.

### Dispożittiv tal-kawża

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *M. Juvyns għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u dawk tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.*

---

([1]) ĠU C 113, 16.05.2009, p. 46.

---

## Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tat-28 ta' Marzu 2012 — Marsili vs Il-Kummissjoni

**(Kawża F-19/10)** ([1])

***(Servizz pubbliku — Kompetizzjoni ġenerali — Nuqqas ta' inklużjoni fil-lista ta' riżerva — Evalwazzjoni tal-eżami orali — Kompożizzjoni tal-Bord tal-Għażla)***

(2012/C 138/43)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Letizia Marsili (Brusell, il-Belġju) (rappreżentanti: K. Van Maldegem, C. Mereu u M. Velardo, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Eggers u J. Baquero Cruz, aġenti)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tinkludix lir-rikorrenti fil-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni EPSO/AST/51/08, kif ukoll talba għad-danni.

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *L. Marsili għandha tbati l-ispejjeż kollha.*

---

([1]) ĠU C 161, 19.06.2010, p. 57.

---

## Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tal-10 ta' Marzu 2011 — Begue et vs Il-Kummissjoni

**(Kawża F-27/10)** ([1])

***(Servizz pubbliku — Membri tal-persunal bil-kuntratt — Allowance għal ħaddiema regolarment suġġetti li jibqgħu fuq dmirijiet ta' riżerva — Artikolu 55 u Artikolu 56c tar-Regolamenti tal-Persunal — Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 495/77)***

(2012/C 138/44)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Christian Begue *et* (Marcy, Franza) (rappreżentant: A. Woimant, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Martin u B. Eggers, aġenti)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li tirrifjuta lir-rikorrenti l-ħlas b'effett retroattiv tal-allowance għal minn jibqgħa fuq dmirijiet ta' riżerva stabbilit fl-Artikolu 56c tar-Regolamenti tal-Persunal.

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Ir-rikorrenti għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom u huma kkundannati jbatu l-ispejjeż tal-Kummissjoni.*

---

([1]) ĠU C 179, 03.07.2010, p. 58.

---

## Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tal-15 ta' Marzu 2011 — VE (*) vs Il-Kummissjoni

**(Kawża F-28/10)** ([1])

***(Servizz pubbliku — Membri tal-persunal bil-kuntratt — Remunerazzjoni — Allowance ta' espatrijazzjoni — Kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal — Residenza abitwali qabel id-dħul fil-kariga)***

(2012/C 138/45)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrent:* VE (*) (rappreżentant: L. Vogel, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Martin u B. Eggers, aġenti)

---

(*) Informazzjoni mħassra jew mibdula fil-qafas ta' protezzjoni ta' data personali u/jew kunfidenzjalità.